

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-22 ta' April, 2004****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus ewro****(BĊE/2004/9)****(2004/506/KE)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita' Ewropea, partikolarment l-Artikolu 106(1), u l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 16,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus ewro ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Minħabba s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Rpubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakkja fl-Unjoni Ewropea, u tal-fatt li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jsiru parti mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Mejju, 2004, id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 tat-22 ta' April, 2004, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾ tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004, il-proporzjonijiet il-ġodda assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).
- (2) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 "l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus" jiddefiniha b'referenza għall-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 li jispeċifika l-iskema applikabbli fl-1 ta' Jannar, 2004. Jinħtieġ li

d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tiġi emendata sabiex tiddetermina l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li se tapplika mill-1 ta' Mejju, 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1***L-Emenda għad-Deċiżjoni BĊE/2001/15**

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 hija emendata kif ġej:

- (1) L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 1(d) hija sostitwita b' li ġej:
- "L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li se tapplika mill-1 ta' Mejju, 2004."
- (2) L-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 huwa sostitwit bit-test ipprovdut fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2***Dispożizzjoni Finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-22 ta' April, 2004.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni BĊE/2003/23 (ĠU L 9, 15.1.2004, p. 40).

⁽²⁾ Ara paġna 5 tal-Ġurnal Uffiċjali kurrenti.

ANNEX

Skema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus mill-1 TA' MEJJU, 2004

Bank Ċentrali Ewropew	8,0000 %
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,2820 %
Deutsche Bundesbank	27,2000 %
Bank of Greece	2,4415 %
Banco de España	10,0065 %
Banque de France	19,1375 %
Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	1,1865 %
Banca d'Italia	16,7960 %
Banque centrale du Luxembourg	0,2020 %
De Nederlandsche Bank	5,1415 %
Oesterreichische Nationalbank	2,6765 %
Banco de Portugal	2,2715 %
Suomen Pankki	1,6585 %
TOTAL	100,0000 %
